A.L. 370 ta' l-2003

ATT DWAR SWIEQ FINANZJARJI
(KAP. 345)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Swieq Finanzjarji
(Emenda ta' l-Iskeda)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu mill-artikolu 29 ta' l-Att dwar Swieq Finanzjarji, il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, fuq rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità Maltija għal Servizzi Finanzjarji, bħala l-awtorità kompetenti maħtura għall-finijiet ta' dak l-Att, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Isem u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titoli ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Swieq Finanzjarji (Emenda ta' l-Iskeda), u għandhom jinqraw u jkunu interpretati bħala ħaġa waħda ma' l-Istatut imniżżel fl-Iskeda ta' l-Att dwar Swieq Finanzjarji, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-Istatut" .

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-21 ta' Novembru, 2003.

Jemenda artikolu 2 ta' l-Istatut.

2. Id-definizzjoni ta' "*rappreżentant akkreditat*" fis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Istatut għandha titħassar.

Jemenda artikolu 3 ta' l-Istatut.

3. L-artikolu 3 ta' l-Istatut għandu jkun emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (11) tiegħu għandu jitħassar;

(b) is-subartikoli 12, 13 u 14 tiegħu għandhom ikunu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli 11, 12 u 13 rispettivament; u

(ċ) fis-subartikolu 11 tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, flok il-kliem "Reġistru tal-membri u tar-rappreżentanti akkreditati flimkien", għandhom jidħlu l-kliem "Reġistru ta' membri flimkien".

Jemenda artikolu 4 ta' l-Istatut.

4. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Istatut, flok il-kliem "il-membri tal-Borża u rappreżentanti akkreditati tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "il-membri tal-Borża".

Jemenda artikolu 12 ta' l-Istatut.

5. L-artikolu 12 ta' l-Istatut għandu jkun emendat kif ġej:

(a) Is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) Is-subartikolu (5) tiegħu għandu jkun enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4).

Jemenda artikolu 13 ta' l-Istatut.

6. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 13 għandu jitħassar.

Jemenda artikolu mhux enumerat imsejjaħ " Fond ta' Kumpens".

7. L-artikolu bla numru intitolat "Fond ta' Kumpens" għandu jkun emendat kif ġej:

(a) flok is-subartikolu (1) tiegħu intitolat "Twaqqif", għandu jidħol dan is-subartikolu li ġej:

"Il-Fond ta' Kumpens u l-Kumitat Magħżul stabbilit minn *Bye-laws* skond din l-Iskeda ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u l-Fond ta' Kumpens għandu jiġi assorbit minn dik id-data bħala parti integrali ta' l-Iskema għall-Kumpens ta' l-Investituri stabbilita taħt ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Skema ta' Kumpens għall-Investituri bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-paragrafu:

(1) Il-*Bye-laws* kif ikunu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom, *mutatis mutandis*, jibqgħu jirregolaw kull talba magħmula minn investitur skond il-*Bye-law* 7.03 b' referenza għal okkorrenzi li saru qabel it-3 ta' Jannar 2003 u kull referenza għall-Kunsill għandha titqies li hi referenza għall-Kumitat ta' Tmexxija ta' l-Iskemi għall-Kumpens stabbilit skond ir-Regolamenti ta' l-2003 għal Skema ta' Kumpens lill-Investitur.

(2) (a) Il-porzjon tal-Fond ta' Kumpens li tikkostitwixxi l-ħlasijiet magħmulin mill-Borża ta' Malta skond il-*Bye-law* 7.12(b) għandha tkun trasferita lura lill-Borża ta' Malta:

Iżda l-Borża ta' Malta għandha żżomm dik il-porzjon tal-Fond ta' Kumpens separata u distinta minn kull fond jew assi oħra.

(b) Il-Borża ta' Malta għandha tipprovdi indennizz favur l-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur sa l-ammont ta' fondi miżmumin separati u distinti skond

il-klawsola kondizzjonali għas-subregolament li jiġi immedjatament qabel dan u fi proporzjon għall-perċentwali tal-fondi li jikkostitwixxu l-Fond ta' Kumpens li ġew trasferiti lura lilha, u hi għandha tibqa' responsabbli skond id-disposizzjoni ta' l-ewwel klawsola kondizzjonali għal paragrafu (b) tas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, sat-3 ta' Jannar, 2008, għal kull talba li tista' tirriżulta b' referenza għal okkorrenzi li ġraw qabel it-3 ta' Jannar 2003.

(3) (a) Porzjon tal-Fond ta' Kumpens li tħallset mill-membri tal-Borża ta' Malta skond il-*Bye-law* 7.12 (a) u kull fond ieħor li jifdal u li jappartjeni lill-Fond ta' Kumpens għandu jkun trasferit fl-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur kif stabbilit taħt ir-Regolamenti ta' l-2003 għal Skema ta' Kumpens lill-Investitur u għandu jsir parti integrali minnha:

Iżda għandu jkun permess *moratorium* favur il-membri tal-Borża ta' Malta li kienu ħallsu din il-porzjon lill-Fond ta' Kumpens kif kien fis-seħħ immedjatament qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, biex il-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom lill-Fond ta' Kumpens jinqatgħu kontra kontribuzzjonijiet li issa huma dovuti jagħtu lill-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur.

(b) L-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur għandha tkun responsabbli għal talbiet magħmulin kontra l-Fond ta' Kumpens minn investituri skond il-*Bye-law* 7.03 u li jirriżultaw minn jew b' riferenza għal okkorrenzi li ġraw qabel it-3 ta' Jannar 2003:

Iżda talbiet aċċettati biex jitħallsu mill-Kumitat ta' Tmexxija ta' l-Iskemi għall-Kumpens għandhom jitħallsu minn fondi trasferiti mill-Fond ta' Kumpens fl-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur u lill-Borża ta' Malta *pro rata*:

Iżda wkoll ir-responsabbiltà ta' l-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur ma għandhiex taqbeż l-ammont ta' fondi trasferiti skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) tas-subregolament (3) ta' dawn ir-regolamenti u r-responsabbiltà ta' l-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur għandha tieqaf fit-3 ta' Jannar, 2008.

(4) Kull referenza f'xi liġi għall-Fond ta' Kumpens stabbilit mill-*Bye-laws* skond din l-Iskeda għandha, minn issa 'l quddiem, titqies li hi referenza għall-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur." ; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu intitolat "Għamla" għandu jitħassar.